Parlament Ewropew
2024-2029

Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji

2025/0052(COD)

7.11.2025

EMENDI
16 - 100

Abbozz ta' rapport
Aurore Lalucq
(PE778.148v01-00)

Statistika mhux finanzjarja dwar il-proprjetà immobbli kummerċjali

Proposta għal regolament
(COM(2025)0100 – 2025/0052(COD))

Emenda 16
Jussi Saramo
f'isem il-Grupp The Left

Proposta għal regolament
Premessa 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(1) L-istatistika dwar l-iżviluppi fis-swieq tal-proprjetà immobbli hija essenzjali għat-tfassil tal-politika ekonomika u monetarja, għall-monitoraġġ tar-riskju sistemiku u għall-gwida tat-tfassil tal-politika makroprudenzjali.	(1) L-istatistika dwar l-iżviluppi fis-swieq tal-proprjetà immobbli hija essenzjali għat-tfassil tal-politika ekonomika u monetarja, għall-monitoraġġ tar-riskju sistemiku u għall-gwida tat-tfassil tal-politika makroprudenzjali. ***Il-kriżijiet finanzjarji tal-passat urew li l-iżviluppi fis-swieq tal-proprjetà immobbli jistgħu jaffettwaw is-sistema finanzjarja u jkollhom impatt serju fuq l-ekonomija reali.***

Or. en

Emenda 17
Kira Marie Peter-Hansen
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Premessa 2a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(2a) Fir-rapport tiegħu tad-19 ta' Ġunju 2025, "Vulnerabilities in Non-bank Commercial Real Estate Investors" (Vulnerabbiltajiet f'Investituri tal-Proprjetà Immobbli Kummerċjali Mhux Bankarji), il-Bord għall-Istabilità Finanzjarja identifika l-vulnerabbiltajiet ewlenin li ġejjin mis-settur tal-proprjetà immobbli kummerċjali. Ir-rapport jidentifika l-lakuni li fadal fid-data li jfixklu l-mandat tal-awtoritajiet makroprudenzjali.

Or. en

Emenda 18
Kira Marie Peter-Hansen
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Premessa 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(6) F'din l-istess Rakkomandazzjoni tal-2019, il-BERS iddefinixxa l-proprjetà immobbli kummerċjali fiżika bħala kwalunkwe proprjetà immobbli li tipproduċi introjtu, eżistenti jew li qed tiġi żviluppata, inkluża l-akkomodazzjoni għall-kiri; jew proprjetà immobbli użata mis-sidien tal-proprjetà għat-twettiq tan-negozju, l-għan jew l-attività tagħhom, eżistenti jew taħt kostruzzjoni; li mhijiex ikklassifikata bħala proprjetà immobbli residenzjali; u tinkludi l-akkomodazzjoni soċjali. Id-definizzjonijiet f'dan ir-Regolament huma allinjati ma' dawk rakkomandati mill-BERS fl-2019.	(6) F'din l-istess Rakkomandazzjoni tal-2019, il-BERS iddefinixxa l-proprjetà immobbli kummerċjali fiżika bħala kwalunkwe proprjetà immobbli li tipproduċi introjtu, eżistenti jew li qed tiġi żviluppata, inkluża l-akkomodazzjoni għall-kiri; jew proprjetà immobbli użata mis-sidien tal-proprjetà għat-twettiq tan-negozju, l-għan jew l-attività tagħhom, eżistenti jew taħt kostruzzjoni; li mhijiex ikklassifikata bħala proprjetà immobbli residenzjali; u tinkludi l-akkomodazzjoni soċjali. Id-definizzjonijiet f'dan ir-Regolament huma allinjati ma' dawk rakkomandati mill-BERS fl-2019***, bl-eċċezzjoni tal-akkomodazzjoni soċjali li hija eskluża mill-proprjetà immobbli kummerċjali, bħal fir-Rakkomandazzjoni tal-BERS tal-2016 u allinjati mar-rapport tal-Eurostat "Commercial property price indicators: sources, methods and issues" (Indikaturi tal-prezzijiet tal-proprjetà kummerċjali: sorsi, metodi u problemi)***.

Or. en

Emenda 19
Kira Marie Peter-Hansen
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Premessa 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(7) ***Il-Kummissjoni (il-Eurostat) u l-istituti nazzjonali tal-istatistika (NSIs,***	(7) ***F'konformità mar-rakkomandazzjoni tal-BERS tal-2019,***

national statistical institutes), f'kollaborazzjoni mill-qrib mal-BERS, ivvalutaw il-fattibbiltà tal-indikaturi dwar il-proprjetà immobbli kummerċjali fiżika, jiġifieri l-indiċi tal-prezzijiet, l-indiċi tal-kiri, l-indiċi tar-rendiment tal-kiri, ir-rati ta' spazju disponibbli u l-kostruzzjonijiet mibdija***, rakkomandati mill-BERS***. ***Il-fattibbiltà tal-produzzjoni tal-indiċi tal-prezzijiet, l-indiċi tal-kiri, il-kostruzzjonijiet mibdija u t-tlestija tax-xogħol ġiet ikkonfermata. Minħabba d-disponibbiltà limitata tas-sorsi tad-data u l-kwalità insuffiċjenti, l-indikaturi dwar l-indiċijiet tar-rendiment tal-kiri u r-rati ta' spazju disponibbli ma jistgħux jiġu inklużi f'dan ir-Regolament u jenħtieġ li jkomplu jiġu żviluppati. Fl-istess ħin,*** ġie miżjud indikatur importanti addizzjonali dwar il-valur tat-tranżazzjonijiet tal-proprjetà immobbli kummerċjali.

jenħtieġ li jinġabru l-indikaturi dwar il-proprjetà immobbli kummerċjali fiżika, jiġifieri l-indiċi tal-prezzijiet, l-indiċi tal-kiri, l-indiċi tar-rendiment tal-kiri, ir-rati ta' spazju disponibbli u l-kostruzzjonijiet mibdija. Ġie miżjud indikatur importanti addizzjonali dwar il-valur tat-tranżazzjonijiet tal-proprjetà immobbli kummerċjali.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Peress li l-indiċi tar-rendiment tal-kiri u l-indikaturi tar-rati ta' spazju disponibbli kienu diġà inklużi fir-rakkomandazzjoni tal-BERS tal-2016, flimkien mal-indikaturi l-oħra, dawn għandhom jintalbu minn meta jidħol fis-seħħ dan ir-Regolament.

Emenda 20
Stefan Berger

Proposta għal regolament
Premessa 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(7) Il-Kummissjoni (il-Eurostat) u l-istituti nazzjonali tal-istatistika (NSIs, national statistical institutes), f'kollaborazzjoni mill-qrib mal-BERS, ivvalutaw il-fattibbiltà tal-indikaturi dwar il-proprjetà immobbli kummerċjali fiżika, jiġifieri l-indiċi tal-prezzijiet, l-indiċi tal-kiri, l-indiċi tar-rendiment tal-kiri, ir-rati ta' spazju disponibbli u l-kostruzzjonijiet mibdija, rakkomandati mill-BERS. Il-	(7) Il-Kummissjoni (il-Eurostat) u l-istituti nazzjonali tal-istatistika (NSIs, national statistical institutes), f'kollaborazzjoni mill-qrib mal-BERS, ivvalutaw il-fattibbiltà tal-indikaturi dwar il-proprjetà immobbli kummerċjali fiżika, jiġifieri l-indiċi tal-prezzijiet, l-indiċi tal-kiri, l-indiċi tar-rendiment tal-kiri, ir-rati ta' spazju disponibbli u l-kostruzzjonijiet mibdija, rakkomandati mill-BERS. Il-

fattibbiltà tal-produzzjoni tal-indiċi tal-prezzijiet, l-indiċi tal-kiri, il-kostruzzjonijiet mibdija u t-tlestija ***tax-xogħol*** ġiet ikkonfermata. Minħabba d-disponibbiltà limitata tas-sorsi tad-data u l-kwalità insuffiċjenti, l-indikaturi dwar l-indiċijiet tar-rendiment tal-kiri u r-rati ta' spazju disponibbli ma jistgħux jiġu inklużi f'dan ir-Regolament ***u jenħtieġ li jkomplu jiġu żviluppati***. Fl-istess ħin, ġie miżjud indikatur importanti addizzjonali dwar il-valur tat-tranżazzjonijiet tal-proprjetà immobbli kummerċjali.	fattibbiltà tal-produzzjoni tal-indiċi tal-prezzijiet, l-indiċi tal-kiri, il-kostruzzjonijiet mibdija u t-tlestija ***tax-xogħlijiet ta' kostruzzjoni*** ġiet ikkonfermata. Minħabba d-disponibbiltà limitata tas-sorsi tad-data u l-kwalità insuffiċjenti, l-indikaturi dwar l-indiċijiet tar-rendiment tal-kiri u r-rati ta' spazju disponibbli ma jistgħux jiġu inklużi f'dan ir-Regolament. Fl-istess ħin, ġie miżjud indikatur importanti addizzjonali dwar il-valur tat-tranżazzjonijiet tal-proprjetà immobbli kummerċjali.
	Or. de

Emenda 21
Engin Eroglu

Proposta għal regolament
Premessa 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(7) Il-Kummissjoni (il-Eurostat) u l-istituti nazzjonali tal-istatistika (NSIs, national statistical institutes), f'kollaborazzjoni mill-qrib mal-BERS, ivvalutaw il-fattibbiltà tal-indikaturi dwar il-proprjetà immobbli kummerċjali fiżika, jiġifieri l-indiċi tal-prezzijiet, l-indiċi tal-kiri, l-indiċi tar-rendiment tal-kiri, ir-rati ta' spazju disponibbli u l-kostruzzjonijiet mibdija, rakkomandati mill-BERS. Il-fattibbiltà tal-produzzjoni tal-indiċi tal-prezzijiet, l-indiċi tal-kiri, il-kostruzzjonijiet mibdija u t-tlestija ***tax-xogħol*** ġiet ikkonfermata. Minħabba d-disponibbiltà limitata tas-sorsi tad-data u l-kwalità insuffiċjenti, l-indikaturi dwar l-indiċijiet tar-rendiment tal-kiri u r-rati ta' spazju disponibbli ma jistgħux jiġu inklużi f'dan ir-Regolament ***u jenħtieġ li jkomplu jiġu żviluppati***. Fl-istess ħin, ġie miżjud indikatur importanti addizzjonali dwar il-valur tat-tranżazzjonijiet tal-proprjetà immobbli kummerċjali.	(7) Il-Kummissjoni (il-Eurostat) u l-istituti nazzjonali tal-istatistika (NSIs, national statistical institutes), f'kollaborazzjoni mill-qrib mal-BERS, ivvalutaw il-fattibbiltà tal-indikaturi dwar il-proprjetà immobbli kummerċjali fiżika, jiġifieri l-indiċi tal-prezzijiet, l-indiċi tal-kiri, l-indiċi tar-rendiment tal-kiri, ir-rati ta' spazju disponibbli u l-kostruzzjonijiet mibdija, rakkomandati mill-BERS. Il-fattibbiltà tal-produzzjoni tal-indiċi tal-prezzijiet, l-indiċi tal-kiri, il-kostruzzjonijiet mibdija u t-tlestija ***tax-xogħlijiet ta' kostruzzjoni*** ġiet ikkonfermata. Minħabba d-disponibbiltà limitata tas-sorsi tad-data u l-kwalità insuffiċjenti, l-indikaturi dwar l-indiċijiet tar-rendiment tal-kiri u r-rati ta' spazju disponibbli ma jistgħux jiġu inklużi f'dan ir-Regolament. Fl-istess ħin, ġie miżjud indikatur importanti addizzjonali dwar il-valur tat-tranżazzjonijiet tal-proprjetà immobbli kummerċjali.

Or. de

Emenda 22
Tomáš Kubín

Proposta għal regolament
Premessa 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(7) Il-Kummissjoni (il-Eurostat) u l-istituti nazzjonali tal-istatistika (NSIs, national statistical institutes), f'kollaborazzjoni mill-qrib mal-BERS, ivvalutaw il-fattibbiltà tal-indikaturi dwar il-proprjetà immobbli kummerċjali fiżika, jiġifieri l-indiċi tal-prezzijiet, l-indiċi tal-kiri, l-indiċi tar-rendiment tal-kiri, ir-rati ta' spazju disponibbli u l-kostruzzjonijiet mibdija, rakkomandati mill-BERS. Il-fattibbiltà tal-produzzjoni tal-indiċi tal-prezzijiet, l-indiċi tal-kiri, il-kostruzzjonijiet mibdija u t-tlestija ***tax-xogħol*** ġiet ikkonfermata. Minħabba d-disponibbiltà limitata tas-sorsi tad-data u l-kwalità insuffiċjenti, l-indikaturi dwar l-indiċijiet tar-rendiment tal-kiri u r-rati ta' spazju disponibbli ma jistgħux jiġu inklużi f'dan ir-Regolament u jenħtieġ li jkomplu jiġu żviluppati. Fl-istess ħin, ġie miżjud indikatur importanti addizzjonali dwar il-valur tat-tranżazzjonijiet tal-proprjetà immobbli kummerċjali.	(7) Il-Kummissjoni (il-Eurostat) u l-istituti nazzjonali tal-istatistika (NSIs, national statistical institutes), f'kollaborazzjoni mill-qrib mal-BERS, ivvalutaw il-fattibbiltà tal-indikaturi dwar il-proprjetà immobbli kummerċjali fiżika, jiġifieri l-indiċi tal-prezzijiet, l-indiċi tal-kiri, l-indiċi tar-rendiment tal-kiri, ir-rati ta' spazju disponibbli u l-kostruzzjonijiet mibdija, rakkomandati mill-BERS. Il-fattibbiltà tal-produzzjoni tal-indiċi tal-prezzijiet, l-indiċi tal-kiri, il-kostruzzjonijiet mibdija u t-tlestija ***tax-xogħlijiet ta' kostruzzjoni*** ġiet ikkonfermata ***għal xi Stati Membri***. Minħabba d-disponibbiltà limitata tas-sorsi tad-data u l-kwalità insuffiċjenti, l-indikaturi dwar l-indiċijiet tar-rendiment tal-kiri u r-rati ta' spazju disponibbli ma jistgħux jiġu inklużi f'dan ir-Regolament u jenħtieġ li jkomplu jiġu żviluppati. Fl-istess ħin, ġie miżjud indikatur importanti addizzjonali dwar il-valur tat-tranżazzjonijiet tal-proprjetà immobbli kummerċjali.

Or. en

Emenda 23
Markus Ferber

Proposta għal regolament
Premessa 10

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

(10) L-NSIs u l-Kummissjoni (il-Eurostat) jenħtieġ li jkunu intitolati wkoll li jaċċessaw u jużaw sorsi ġodda ta' data, inkluża data miżmuma privatament, għal finijiet ta' statistika, f'konformità mal-Artikolu 17b tar-Regolament (KE) Nru 223/2009, kif emendat bir-Regolament (UE) 2024/3018. Fuq talba, detentur tad-data privat jenħtieġ li jagħmel id-data u l-metadata rilevanti disponibbli mingħajr ħlas għall-NSIs jew għall-Kummissjoni (il-Eurostat) meta d-data mitluba tkun strettament meħtieġa għall-iżvilupp, il-produzzjoni u d-disseminazzjoni tal-istatistika Ewropea dwar il-proprjetà immobbli kummerċjali mhux finanzjarja u ma tistax tinkiseb b'mezzi oħra jew l-użu mill-ġdid tagħha se jirriżulta fi tnaqqis konsiderevoli fl-oneru tar-risposta fuq id-detenturi tad-data u negozji oħra.	***imħassar***

Or. en

Emenda 24
Stefan Berger

Proposta għal regolament
Premessa 10

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(10) L-NSIs u l-Kummissjoni (il-Eurostat) jenħtieġ li jkunu intitolati wkoll li jaċċessaw u jużaw sorsi ġodda ta' data, inkluża data miżmuma privatament, għal finijiet ta' statistika, f'konformità mal-Artikolu 17b tar-Regolament (KE) Nru 223/2009, kif emendat bir-Regolament (UE) 2024/3018. Fuq talba, detentur tad-data privat jenħtieġ li jagħmel id-data u l-metadata rilevanti disponibbli mingħajr ħlas għall-NSIs jew għall-Kummissjoni (il-Eurostat) meta d-data mitluba tkun strettament meħtieġa għall-iżvilupp, il-produzzjoni u d-disseminazzjoni tal-istatistika Ewropea dwar il-proprjetà immobbli kummerċjali mhux finanzjarja u ma tistax tinkiseb b'mezzi oħra jew l-użu	(10) L-NSIs u l-Kummissjoni (il-Eurostat) jenħtieġ li jkunu intitolati wkoll li jaċċessaw u jużaw sorsi ġodda ta' data, inkluża data miżmuma privatament, għal finijiet ta' statistika, f'konformità mal-Artikolu 17b tar-Regolament (KE) Nru 223/2009, kif emendat bir-Regolament (UE) 2024/3018. Fuq talba, detentur tad-data privat jenħtieġ li jagħmel id-data u l-metadata rilevanti disponibbli mingħajr ħlas għall-NSIs jew għall-Kummissjoni (il-Eurostat) meta d-data mitluba tkun strettament meħtieġa għall-iżvilupp, il-produzzjoni u d-disseminazzjoni tal-istatistika Ewropea dwar il-proprjetà immobbli kummerċjali mhux finanzjarja u ma tistax tinkiseb b'mezzi oħra jew l-użu

mill-ġdid tagħha se jirriżulta fi tnaqqis konsiderevoli fl-oneru tar-risposta fuq id-detenturi tad-data u negozji oħra.	mill-ġdid tagħha se jirriżulta fi tnaqqis konsiderevoli fl-oneru tar-risposta fuq id-detenturi tad-data u negozji oħra. ***Meta jeżerċitaw id-dritt tagħhom li jitolbu d-data mingħand detenturi privati tad-data, jenħtieġ li l-uffiċċji nazzjonali tal-istatistika u l-Kummissjoni jiżguraw li l-kumpaniji u l-assoċjazzjonijiet ma jkunux soġġetti għal piż ekonomiku eċċessiv.***
	Or. de

Emenda 25
Engin Eroglu

Proposta għal regolament
Premessa 10

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(10) L-NSIs u l-Kummissjoni (il-Eurostat) jenħtieġ li jkunu intitolati wkoll li jaċċessaw u jużaw sorsi ġodda ta' data, inkluża data miżmuma privatament, għal finijiet ta' statistika, f'konformità mal-Artikolu 17b tar-Regolament (KE) Nru 223/2009, kif emendat bir-Regolament (UE) 2024/3018. Fuq talba, detentur tad-data privat jenħtieġ li jagħmel id-data u l-metadata rilevanti disponibbli mingħajr ħlas għall-NSIs jew għall-Kummissjoni (il-Eurostat) meta d-data mitluba tkun strettament meħtieġa għall-iżvilupp, il-produzzjoni u d-disseminazzjoni tal-istatistika Ewropea dwar il-proprjetà immobbli kummerċjali mhux finanzjarja u ma tistax tinkiseb b'mezzi oħra jew l-użu mill-ġdid tagħha se jirriżulta fi tnaqqis konsiderevoli fl-oneru tar-risposta fuq id-detenturi tad-data u negozji oħra.	(10) L-NSIs u l-Kummissjoni (il-Eurostat) jenħtieġ li jkunu intitolati wkoll li jaċċessaw u jużaw sorsi ġodda ta' data, inkluża data miżmuma privatament, għal finijiet ta' statistika, f'konformità mal-Artikolu 17b tar-Regolament (KE) Nru 223/2009, kif emendat bir-Regolament (UE) 2024/3018. Fuq talba, detentur tad-data privat jenħtieġ li jagħmel id-data u l-metadata rilevanti disponibbli mingħajr ħlas għall-NSIs jew għall-Kummissjoni (il-Eurostat) meta d-data mitluba tkun strettament meħtieġa għall-iżvilupp, il-produzzjoni u d-disseminazzjoni tal-istatistika Ewropea dwar il-proprjetà immobbli kummerċjali mhux finanzjarja u ma tistax tinkiseb b'mezzi oħra jew l-użu mill-ġdid tagħha se jirriżulta fi tnaqqis konsiderevoli fl-oneru tar-risposta fuq id-detenturi tad-data u negozji oħra. ***Id-dritt tal-uffiċċji nazzjonali tal-istatistika u tal-Kummissjoni li jitolbu d-data minn detenturi privati tad-data jenħtieġ li ma jwassalx għal piż ekonomiku sproporzjonat fuq in-negozji jew l-assoċjazzjonijiet.***
	Or. de

Emenda 26
Markus Ferber

Proposta għal regolament
Premessa 16

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(16) Sabiex jitqiesu l-iżviluppi ekonomiċi u tekniċi, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti f'konformita mal-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea sabiex temenda l-lista ta' varjabbli stabbiliti fl-Anness I. Hu partikolarment importanti li matul il-ħidma tagħha ta' tħejjija l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa, inkluż fil-livell espert, u li dawk il-konsultazzjonijiet isiru f'konformità mal-prinċipji stabbiliti fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet ([8]). B'mod partikolari, biex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi tal-esperti tal-Kummissjoni li jitrattaw it-tħejjija ta' atti delegati.	***imħassar***

[8] ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1.

Or. en

Emenda 27
Stefan Berger

Proposta għal regolament
Premessa 16

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

(16) Sabiex ***jitqiesu l-iżviluppi ekonomiċi u tekniċi***, jenħtieġ li ***l-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti f'konformita mal-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea sabiex temenda l-lista ta' varjabbli stabbiliti fl-Anness I. Hu partikolarment importanti li matul il-ħidma tagħha ta' tħejjija l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa, inkluż fil-livell espert, u li dawk il-konsultazzjonijiet isiru f'konformità mal-prinċipji stabbiliti fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet ([8]). B'mod partikolari, biex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi tal-esperti tal-Kummissjoni li jitrattaw it-tħejjija ta' atti delegati.***	(16) Sabiex ***jiġi żgurat qafas regolatorju stabbli u trasparenti għar-rekwiżiti statistiċi previsti f'dan ir-Regolament, l-adattamenti tal-varjabbli elenkati fl-Anness I jistgħu jsiru biss billi dan ir-Regolament jiġi emendat skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja. L-atti ta' implimentazzjoni*** jenħtieġ li ***jittrattaw biss dettalji tekniċi li ma jagħtux lok għal obbligi ta' rapportar ġodda jew addizzjonali***.
[8] ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1.	

Or. de

Emenda 28
Engin Eroglu

Proposta għal regolament
Premessa 16

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(16) Sabiex ***jitqiesu l-iżviluppi ekonomiċi u tekniċi***, jenħtieġ li ***l-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti f'konformita mal-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea sabiex temenda l-lista ta' varjabbli stabbiliti fl-Anness I. Hu partikolarment importanti li matul il-ħidma tagħha ta' tħejjija l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa, inkluż***	(16) Sabiex ***jiġi żgurat li r-rekwiżiti statistiċi previsti f'dan ir-Regolament ikunu bbażati fuq qafas regolatorju stabbli u trasparenti, il-varjabbli elenkati fl-Anness I jistgħu jiġu adattati biss permezz ta' emenda ta' dan ir-Regolament skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja. L-atti ta' implimentazzjoni*** jenħtieġ li ***jikkonċernaw esklużivament dettalji tekniċi li ma jinvolvux obbligi ta'***

fil-livell espert, u li dawk il-konsultazzjonijiet isiru f'konformità mal-prinċipji stabbiliti fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet ([8]). B'mod partikolari, biex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi tal-esperti tal-Kummissjoni li jitrattaw it-tħejjija ta' atti delegati.	***rapportar ġodda jew addizzjonali****.*

[8] ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1.

Or. de

Emenda 29
Stefan Berger

Proposta għal regolament
Premessa 17

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(17) Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament fir-rigward tad-dettalji tal-varjabbli kif ukoll il-format, il-miżuri ta' sigurtà u kunfidenzjalità u l-proċedura għall-iskambju ta' data kunfidenzjali, l-arranġamenti prattiċi għat-trażmissjoni, il-kontenut u l-iskadenzi għat-trażmissjoni tar-rapporti dwar il-kwalità u l-metadata, l-istandards għat-trażmissjoni tad-data u tal-metadata, u d-derogi mir-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament jew mill-atti ta' implimentazzjoni adottati skont dan, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata setgħat ta' implimentazzjoni. Jenħtieġ li dawk is-setgħat jiġu eżerċitati f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([9]).	***imħassar***

[9] ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13.

Or. de

Emenda 30
Engin Eroglu

Proposta għal regolament
Premessa 17

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(17) Sabiex ***jiġu*** żgurati ***kundizzjonijiet*** uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament ***fir-rigward tad-dettalji tal-varjabbli kif ukoll il-format, il-miżuri ta' sigurtà u kunfidenzjalità u l-proċedura għall-iskambju ta' data kunfidenzjali,*** l-arranġamenti prattiċi ***għat-trażmissjoni, il-kontenut u l-iskadenzi għat-trażmissjoni tar-rapporti dwar il-kwalità u l-metadata, l-istandards għat-trażmissjoni tad-data u tal-metadata, u d-derogi*** mir-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament ***jew mill-atti ta' implimentazzjoni adottati skont dan,*** jenħtieġ li ***l-Kummissjoni tingħata setgħat ta' implimentazzjoni***. Jenħtieġ li dawk is-setgħat ***jiġu*** eżerċitati f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ***([9])***.	(17) Sabiex ***ikunu*** żgurati ***kondizzjonijiet*** uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament***, jenħtieġ li jingħataw setgħat ta' implimentazzjoni lill-Kummissjoni. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni jenħtieġ li jkunu relatati esklużivament mad-dettalji tekniċi u*** l-arranġamenti prattiċi ***meħtieġa għall-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, bħall-istabbiliment tal-formati, il-proċeduri ta' trażmissjoni tad-data, is-salvagwardji jew l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi, inkluż l-istabbiliment ta' eżenzjonijiet*** mir-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament***.*** Jenħtieġ li ***ma jkunux jistgħu jiġġustifikaw obbligi ta' rapportar ġodda jew estiżi għall-Istati Membri jew għall-forniturі tad-data***. Jenħtieġ li dawk is-setgħat ***ikunu*** eżerċitati f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[9].
[9] ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13.	[9] ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13.

Or. de

Emenda 31
Kira Marie Peter-Hansen
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Premessa 18

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(18) Meta l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament jew tal-atti ta' implimentazzjoni adottati skontu jkunu jeħtieġu adattamenti kbar għal sistema nazzjonali tal-istatistika ta' Stat Membru, l-Kummissjoni jenħtieġ li, f'każijiet debitament ġustifikati, tkun tista' tagħti derogi lill-Istat Membru kkonċernat. Tali derogi jenħtieġ li jkunu temporanji u jingħataw għal perjodu massimu ta' 3 snin. Il-Kummissjoni jenħtieġ li tipprovdi appoġġ lill-Istati Membri kkonċernati fl-isforzi tagħhom biex iwettqu l-adattamenti meħtieġa għas-sistemi statistiċi tagħhom, sabiex id-derogi jintemmu malajr kemm jista' jkun.	***imħassar***

Or. en

Emenda 32
Engin Eroglu

Proposta għal regolament
Premessa 18

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(18) Meta l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament ***jew tal-atti ta' implimentazzjoni adottati skontu jkunu jeħtieġu*** adattamenti ***kbar għal sistema*** nazzjonali tal-istatistika ta' Stat Membru***, l-Kummissjoni*** jenħtieġ li, f'każijiet debitament ġustifikati, tkun tista' tagħti derogi lill-Istat Membru kkonċernat. Tali derogi jenħtieġ li jkunu temporanji u jingħataw għal perjodu massimu ta' ***3*** snin. Il-Kummissjoni jenħtieġ li tipprovdi appoġġ lill-Istati Membri kkonċernati fl-isforzi tagħhom biex iwettqu l-adattamenti meħtieġa għas-sistemi statistiċi tagħhom, sabiex id-derogi jintemmu malajr kemm jista' jkun.	(18) Meta l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament ***tkun teħtieġ*** adattamenti ***estensivi għas-sistema*** nazzjonali tal-istatistika ta' Stat Membru – ***speċjalment f'każijiet fejn partijiet sinifikanti tal-proċeduri amministrattivi meħtieġa għall-ġbir tad-data jkunu għadhom ma ġewx diġitalizzati – il-Kummissjoni*** jenħtieġ li, f'każijiet debitament ġustifikati, tkun tista' tagħti derogi lill-Istat Membru kkonċernat. Tali derogi jenħtieġ li jkunu temporanji u jingħataw għal perjodu massimu ta' ***ħames*** snin. Il-Kummissjoni jenħtieġ li tipprovdi appoġġ lill-Istati Membri kkonċernati fl-isforzi tagħhom biex iwettqu l-adattamenti meħtieġa għas-sistemi statistiċi tagħhom, sabiex id-derogi jintemmu malajr kemm jista' jkun.

Or. de

Emenda 33
Stefan Berger

Proposta għal regolament
Premessa 18

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(18) Meta l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament ***jew tal-atti ta' implimentazzjoni adottati skontu jkunu jeħtieġu*** adattamenti ***kbar għal sistema*** nazzjonali tal-istatistika ta' Stat Membru, ***l-Kummissjoni*** jenħtieġ li, f'każijiet debitament ġustifikati, tkun tista' tagħti derogi lill-Istat Membru kkonċernat. Tali derogi jenħtieġ li jkunu temporanji u jingħataw għal perjodu massimu ta' ***3*** snin. Il-Kummissjoni jenħtieġ li tipprovdi appoġġ lill-Istati Membri kkonċernati fl-isforzi tagħhom biex iwettqu l-adattamenti meħtieġa għas-sistemi statistiċi tagħhom, sabiex id-derogi jintemmu malajr kemm jista' jkun.	(18) Meta l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament ***tkun teħtieġ*** adattamenti ***għas-sistema*** nazzjonali tal-istatistika ta' Stat Membru, ***il-Kummissjoni*** jenħtieġ li, f'każijiet debitament ġustifikati, tkun tista' tagħti derogi lill-Istat Membru kkonċernat. Tali derogi jenħtieġ li jkunu temporanji u jingħataw għal perjodu massimu ta' ***ħames*** snin. Il-Kummissjoni jenħtieġ li tipprovdi appoġġ lill-Istati Membri kkonċernati fl-isforzi tagħhom biex iwettqu l-adattamenti meħtieġa għas-sistemi statistiċi tagħhom, sabiex id-derogi jintemmu malajr kemm jista' jkun.

Or. de

Emenda 34
Kira Marie Peter-Hansen
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 2 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) akkomodazzjoni soċjali.	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-proprjetà użata f'attivitajiet mhux tas-suq, bħall-akkomodazzjoni soċjali, ma għandiex tiġi inkluża fl-istatistika dwar il-proprjetà immobbli kummerċjali. Dan huwa konformi mar-

rapport tal-Eurostat dwar "Commercial property price indicators: sources, methods and issues" (Indikaturi tal-prezzijiet tal-proprjetà kummerċjali: sorsi, metodi u problemi).

Emenda 35
Kira Marie Peter-Hansen
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 10

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(10) "akkomodazzjoni soċjali" tfisser kwalunkwe proprjetà residenzjali li tiġi akkwistata, hija proprjetà jew ġestita minn persuna legali bl-għan primarju li tinkera lill-inkwilini, l-aktar lill-persuni żvantaġġati jew gruppi li jbatu minn żvantaġġ soċjali b'kirjiet aktar baxxi mir-rata tas-suq, f'konformità ma' regoli speċifiċi, aktar milli mekkaniżmi tas-suq.	***imħassar***

Or. en

Emenda 36
Markus Ferber

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Għall-produzzjoni tal-istatistika meħtieġa skont dan ir-Regolament, l-Istati Membri għandhom ***jagħmlu ħilithom biex*** jużaw id-data amministrattiva ***sal-massimu possibbli biex jitnaqqas l-oneru tar-risposta***.	Għall-produzzjoni tal-istatistika meħtieġa skont dan ir-Regolament, l-Istati Membri għandhom jużaw ***esklussivament*** id-data amministrattiva ***eżistenti***.

Or. en

Emenda 37
Markus Ferber

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Meta d-data amministrattiva ma tippermettix il-produzzjoni ta' statistika li tissodisfa r-rekwiżiti tal-kwalità stabbiliti fl-Artikolu 6 ta' dan ir-Regolament, l-Istati Membri jistgħu jużaw ukoll kwalunkwe sors tad-data rilevanti ieħor, inkluż stħarriġ u data minn detenturi privati tad-data, kif ukoll metodi jew approċċi innovattivi bbażati fuq ix-xjenza, dokumentati sew u disponibbli għall-pubbliku, filwaqt li jevitaw piż eċċessiv fuq ir-rispondenti.	***imħassar***

Or. en

Emenda 38
Stefan Berger

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Meta d-data amministrattiva ma tippermettix il-produzzjoni ta' statistika li tissodisfa r-rekwiżiti tal-kwalità stabbiliti fl-Artikolu 6 ta' dan ir-Regolament, l-Istati Membri jistgħu jużaw ukoll kwalunkwe sors tad-data rilevanti ieħor, inkluż stħarriġ u data minn detenturi privati tad-data, kif ukoll metodi jew approċċi innovattivi bbażati fuq ix-xjenza, dokumentati sew u disponibbli għall-pubbliku, filwaqt li jevitaw ***piż*** eċċessiv ***fuq ir-rispondenti***.	Meta d-data amministrattiva ma tippermettix il-produzzjoni ta' statistika li tissodisfa r-rekwiżiti tal-kwalità stabbiliti fl-Artikolu 6 ta' dan ir-Regolament, l-Istati Membri jistgħu jużaw ukoll kwalunkwe sors tad-data rilevanti ieħor, inkluż stħarriġ u data minn detenturi privati tad-data, kif ukoll metodi jew approċċi innovattivi bbażati fuq ix-xjenza, dokumentati sew u disponibbli għall-pubbliku, filwaqt li jevitaw ***sforz*** eċċessiv ***u piż ekonomiku sproporzjonati għar-rispondenti***.

Or. de

Emenda 39
Markus Ferber

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-informazzjoni meħtieġa għall-produzzjoni ta' statistika mhux finanzjarja dwar il-proprjetà immobbli kummerċjali għandha tinkiseb minn unitajiet statistiċi kif stabbilit fir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 696/93, minn detenturi ta' rekords amministrattivi, ***minn detenturi privati tad-data*** jew minn sorsi oħra, dment li r-riżultati jikkonformaw mal-kriterji tal-kwalità stabbiliti fl-Artikolu 6 ta' dan ir-Regolament.	1. L-informazzjoni meħtieġa għall-produzzjoni ta' statistika mhux finanzjarja dwar il-proprjetà immobbli kummerċjali għandha tinkiseb minn unitajiet statistiċi kif stabbilit fir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 696/93, minn detenturi ta' rekords amministrattivi, jew minn sorsi oħra, dment li r-riżultati jikkonformaw mal-kriterji tal-kwalità stabbiliti fl-Artikolu 6 ta' dan ir-Regolament.

Or. en

Emenda 40
Jussi Saramo
f'isem il-Grupp The Left

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-unitajiet statistiċi li jipprovdu informazzjoni dwar il-proprjetà immobbli kummerċjali għandhom jikkooperaw fil-ġbir jew l-għoti ta' informazzjoni, kif meħtieġ. L-unitajiet statistiċi għandhom jipprovdu informazzjoni f'waqtha, preċiża u kompluta meħtieġa għall-produzzjoni tal-istatistika prevista f'dan ir-Regolament. L-unitajiet tal-istatistika għandhom jipprovdu din l-informazzjoni lill-awtoritajiet nazzjonali tal-istatistika responsabbli għall-kompilazzjoni tal-istatistika mhux finanzjarja dwar il-proprjetà immobbli kummerċjali.	2. L-unitajiet statistiċi li jipprovdu informazzjoni dwar il-proprjetà immobbli kummerċjali għandhom jikkooperaw fil-ġbir jew l-għoti ta' informazzjoni, kif meħtieġ. L-unitajiet statistiċi għandhom jipprovdu informazzjoni f'waqtha, preċiża u kompluta meħtieġa għall-produzzjoni tal-istatistika prevista f'dan ir-Regolament. L-unitajiet tal-istatistika għandhom jipprovdu din l-informazzjoni lill-awtoritajiet nazzjonali tal-istatistika responsabbli għall-kompilazzjoni tal-istatistika mhux finanzjarja dwar il-proprjetà immobbli kummerċjali. ***L-informazzjoni għandha tiġi pprovduta f'format elettroniku u li jinqara mill-magni.***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Id-data għandha tiġi pprovduta f'format elettroniku u li jinqara mill-magni biex tiġi żgurata l-interoperabbiltà u jiġi ffaċilitat l-użu awtomatizzat.

Emenda 41
Jussi Saramo
f'isem il-Grupp The Left

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
